MALTA

# QORTI KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

Seduta tat-8 ta' April, 2008

Numru 2/2007

**Ir-Repubblika ta' Malta**

***Versus***

**Franġisk Fenech, bin Ġużeppi u Anġela *née* Galea, imwieled Mosta fil-31 ta' Lulju 1939, u joqgħod Mitħna tal-Gvern, Ġesù Nazzarenu, Triq il-Mitħna l-Qadima, Mosta, detentur tal-karta ta' l-identità numru 580739M**

Il-qorti rat l-Att ta' l-Akkuża numru 2 ta' l-2007 li bih l-Avukat Ġenerali f'isem ir-Repubblika ta' Malta, wara li qal illi:

L-EWWEL KAP

Nhar il-Ħadd, ħmistax ta' Mejju tas-sena elfejn u tlieta, Franġisk Fenech, għall-ħabta tas-sagħtejn ta' wara nofsinhar, kien qiegħed għall-affari tiegħu fil-bitħa ġewwa

r-residenza tiegħu, ċioè l-Mitħna tal-Gvern magħrufa bl-isem *Ġesù Nazzarenu*, Triq il-Mitħna l-Qadima, Mosta. F'ħin minnhom, tfaċċa John Pace. Dan John Pace kien ilu fit-tilwim ma' Franġisk Fenech in konnessjoni ma' xi għalqa fi Triq Durunblat, Mosta, appartenenti lil Frangisk Fenech, iżda li kienet mikrija lill-Avukat Patrick Spiteri.

Dakinhar, Franġisk Fenech lemaħ lil John Pace fi Triq Venezja. Għall-ewwel, Pace kellem lil Fenech bil-kelma t-tajba, fis-sens li qallu sabiex imur ħdejh għaliex xtaq ikellmu. Franġisk Fenech wieġbu sabiex idur u jidħol mix-xatba fi Triq il-Bdoti, iżda Pace kompla jinsisti. Meta John Pace ra li Franġisk Fenech ma kienx tħarrek, huwa qal lil dan kliem fis-sens "ma tridx tiġi; mela ġej jien". Fil-pront, John Pace ħataf xi ħaġa minn ma' l-art, qabeż il-ħajt u tfaċċa b'senter taż-żewġ.

Kif ra hekk, Franġisk Fenech qal lil John Pace sabiex iħalli s-senter fuq il-ħajt, iżda John Pace, bil-ħsieb li joqtol lil Franġisk Fenech, qabad u mmira s-senter lejn ras Franġisk Fenech, u spara żewġ tiri lejh. Iżda kif Franġisk Fenech ra din il-manuvra, kien lahaq, qabel ma John Pace spara t-tiri, staħba wara tank u, sabiex jirritalja u jpattiha lil John Pace, ħataf *revolver* minn kaxxa fil-viċin tiegħu. Kien hawn li Franġisk Fenech, maħkum b'element ta' tpattija u mibgħeda, tant li dak il-ħin ifforma l-ħsieb speċifiku li joqtol lil John Pace, jew li jqegħedlu ħajtu f'periklu ċar, spara erba' tiri ravviċinati lejn id-direzzjoni ta' fejn kien qiegħed John Pace. Iżda, minħabba l-mod kif Pace, dak il-ħin, kien qieghed pożizzjonat, l-ebda wieħed minn dawn it-tiri ma laqat fatalment lil Pace. Di fatti, John Pace mar jistaħba wara siġra minn fejn, sabiex jiddefendi ruħu, spara żewġ tiri oħra. F'dan il-waqt ukoll, Franġisk Fenech indirizza kliem lejn John Pace fis-sens li ried jaħlih u li kien ser jerġa' jirritorna lura aktar tard. Kien hawn li qabeż il-ħajt u tah tir ieħor lil John Pace li, fortunatament, ma laqtux.

Mimli kollu biża' u paniku, John Pace reħielha 'l hemm isuq it-*Toyota Pick-up Van* tiegħu bin-numru ta' reġistrazzjoni IBE-882 wara li ra li dak ma setax ikun il-mument propizju li jiddiskuti u jirrimedja l-kwestjonijiet ta' bejnu u bejn Franġisk Fenech.

B'għemilu, Franġisk Fenech sar ħati ta' tentativ ta' omiċidju volontarju u ċioè talli dolożament, bil-ħsieb li

joqtol persuna (John Pace) jew bil-ħsieb li jqiegħed il-ħajja tagħha f'periklu ċar, wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-eżekuzzjoni tad-delitt li ma ġiex eżegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volontà tiegħu.
akkuża lil Franġisk Fenech:
ħati ta' tentativ ta' omiċidju volontarju u ċioè talli dolożament, bil-ħsieb li joqtol persuna jew bil-ħsieb li jqiegħed il-ħajja tagħha f'periklu ċar, wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-eżekuzzjoni tad-delitt li ma ġiex eżegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volontà tieghu.
L-Avukat Ġenerali kompla jaddebita lill-istess Franġisk Fenech bir-reċidiva f'delitt peress li b'sentenzi mogħtija mill-Qorti Kriminali fl-4 ta' Frar 1964 u fit-18 ta' Marzu 1977 huwa nstab ħati ta' delitt.
u talab:
sabiex jitmexxa kontra l-akkużat skond il-liġi u li huwa jiġi ikkundannat għal piena ta' priġunerija minn seba' snin sa tletin sena skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 41(l)(*a*), 31 (kif emendat bl-artikolu 6 ta' l-Att XVI ta' l-1996), 211, 49, 50, 31, 23, 20, 22 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li skond il-liġi tista' tingħata skond kif jiġi iddikjarat ħati l-akkużat.
Fl-istess Att ta' l-Akkuża l-Avukat Ġenerali kompla jgħid illi:

IT-TIENI KAP

Fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi msemmija fil-kap preċedenti, dejjem minħabba li Franġisk Fenech volontarjament u dolożament spara d-diversi skrataċċ li kellu fl-arma tan-nar tiegħu fid-direzzjoni ta' John Pace hekk kif imsemmi u spjegat fil-kap immedjatament ta' qabel dan, huwa kien qiegħed ukoll fl-istess ħin jipperikola l-inkolumità ta' persuni oħra li dak il-ħin setgħu nzertaw għaddejjin minn, jew kienu jinstabu hemm, kif ukoll karrozzi oħra li wkoll dak il-ħin setgħu nzertaw għaddejjin minn hemm.  Ukoll, fil-post fejn huwa spara d-diversi tiri kien post abitat b'diversi toroq pubbliċi li jagħtu ġo xulxin. Naturalment huwa lanqas ma kellu xi awtorizzazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti sabiex jagħmel dak li għamel.

B'għemilu, l-imsemmi Franġisk Fenech sar ħati talli mingħajr liċenza tal-Pulizija spara arma tan-nar f'post abitat jew fi qrib tiegħu jew fit-toroq pubbliċi.
Għalhekk akkuża lil Franġisk Fenech:
ħati talli mingħajr liċenza tal-Pulizija spara arma tan-nar f'post abitat jew fi qrib tiegħu jew fit-toroq pubbliċi.
L-Avukat Ġenerali kompla jaddebita lill-istess Frangisk Fenech bir-recidiva f'delitt peress li b'sentenzi mogħtija mill-Qorti Kriminali fl-4 ta' Frar 1964 u fit-18 ta' Marzu 1977 huwa nstab ħati ta' delitt.
u talab:
illi jitmexxa kontra l-akkużat skond il-liġi u li huwa jiġi ikkundannat għal piena ta' priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn sitt xhur jew multa ta' mhux anqas minn għoxrin lira u mhux iżjed minn mitejn lira, jew għal dik il-priġunerija u multa flimkien, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 22(2), 24(2), 33, 29 u 40 tal-Kapitolu 33 tal-Liġijiet ta' Malta, u fl-artikoli 17(*b*), 49, 50, 31, 20, 22, 23, 30 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li skond il-liġi tista' tingħata skond kif jiġi iddikjarat ħati l-akkużat.
Fl-istess Att ta' l-Akkuża l-Avukat Ġenerali reġa' kompla jgħid illi:

IT-TIELET KAP

Meta, fit-18 ta' Mejju 2003, kmieni wara nofsinhar, Franġisk Fenech kien qabad ir-*revolver* ikkargat sabiex jeżegwixxi l-intenzjoni omiċida li huwa ġieh dak il-ħin fuq il-ħajja ta' John Pace, kien qiegħed xjentement u volontarjament jagħmel hekk mingħajr liċenza tal-Kummisarju tal-Pulizija sabiex seta' legalment ikun fil-pussess u jżomm xi armi tan-nar. Fuq dak ir-*revolver* partikolari, però, huwa ma kienx kopert bil-liċenza u/jew b'xi awtorizzazzjoni da parti tal-Kummissarju tal-Pulizija, kif titlob il-liġi. Lanqas fir-rigward tal-munizzjoni u l-iskrataċċ li huwa spara dakinhar, u munizzjon iehor li sussegwentement instabu fil-pussess u kontroll fir-residenza ta' Franġisk Fenech ġewwa l-Mosta.
Din id-darba, Franġisk Fenech ikkommetta r-reat ta' pussess illegali ta' arma tan-nar u munizzjon.
Għalhekk akkuża lil Franġisk Fenech:
ħati talli, mingħajr liċenza tal-Kummissarju tal-Pulizija, kellu fil-pussess jew kontroll tiegħu, jew kellu f'idejh jew

fuqu, xi arma tan-nar jew munizzjon barra minn fond jew post li jagħmel miegħu.

L-Avukat Ġenerali kompla jaddebita lill-istess Franġisk Fenech bir-reċidiva f'delitt peress li b'sentenzi mogħtija mill-Qorti Kriminali fl-4 ta' Frar 1964 u fit-18 ta' Marzu 1977 huwa nstab ħati ta' delitt.

u talab:

sabiex jitmexxa kontra l-akkużat skond il-liġi, u li huwa jigi ikkundannat għal piena ta' priġunerija għal żmien ta' minn tliet xhur sa sentejn, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 3(1A), 19, u 27 tal-Kapitolu 66 tal-Liġijiet ta' Malta, u fl-artikoli 17(*b*), 49, 50, 31, 20, 22, 23, 30 u 533 tal-Kodiċi Kriminali, jew għal kull piena oħra li skond il-liġi tista' tingħata skond kif jiġi dikjarat ħati l-akkużat.

Ippreżenta wkoll nota b'lista ta' xhieda u ta' dokumenti.

B'nota tad-9 ta' Frar 2007 l-akkużat ressaq dawn l-eċċezzjonijiet preliminari:

1. ix-xhud James Claridge (xhud tal-prosekuzzjoni) ma huwiex ammissibbli għall-prova ta' l-identità għall-għanijiet tal-prova dwar ir-reċidiva għax la kien uffiċjal prosekutur u lanqas kien b'xi mod ħa sehem fil-prosekuzzjoni; u

2. l-*ex*-Spettur tal-Pulizija Dennis Balzan (xhud tal-prosekuzzjoni) ukoll ma huwiex ammissibbli għax, kif qal hu stess, minħabba l-mogħdija ta' żmien hu ma jiftakar xejn dwar il-proċeduri.

B'rikors ippreżentat fil-25 ta' Frar 2008, l-akkużat talab illi l-qorti:

(a) tawtorizzah jipproduċi bħala dokument is-sentenza mogħtija minn din il-qorti nhar is-26 ta' Frar 2007 fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta *versus* John Pace** (Att ta' Akkuza nru 2/2006);

(b) tawtorizzah jipproduċi bħala dokument is-sentenza mogħtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali nhar l-14 ta' Ġunju 2007 fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta *versus* John Pace** (Att ta' Akkuza nru 2/2006);

(c) tawtorizzah jipproduċi bħala xhud lir-Reġistratur tal-Qrati (u/jew rappreżentant/i tiegħu) sabiex jikkonfermaw iż-żewġ sentenzi fuq imsemmija;

(d) tawtorizzah jipproduċi bħala xhud lill-Kummissarju tal-Pulizija (jew rappreżentant tiegħu) sabiex jesebixxi kopja tal-fedina penali aġġornata ta' 1-istess John Pace; u

(e) sussidjarjament għat-talba (d) hawn fuq, tordna lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jipprovdi lid-difensuri ta' l-esponent b'kopja tal-fedina penali aġġornata ta' John Pace.

L-Avukat Ġenerali wieġeb fit-3 ta' Marzu 2008 u qal illi f'dan l-istadju ma humiex ammissibbli provi ġodda.

Din is-sentenza tallum hija dwar l-eċċezzjonijiet preliminari ta' l-akkużat u dwar ir-rikors tal-25 ta' Frar 2008.

*Dwar l-ammissibbilità bħala xhud ta' James Claridge*

L-ewwel eċċezzjoni tgħid illi James Claridge ma huwiex ammissibbli bħala xhud għax ma kienx ħa sehem bħala prosekutur jew b'xi mod ieħor fil-prosekuzzjoni li wasslet għas-sentenzi msemmija fl-att ta' l-akkuża.

James Claridge huwa xhud ta' l-identità għall-għanijiet tar-reċidiva. Meta xehed quddiem il-Maġistrat fit-23 ta' Settembru 2005[1] qal illi, għalkemm ma kienx l-uffiċjal prosekutur, kien ħa sehem bħala uffiċjal tal-pulizija fl-investigazzjzonijiet u l-proċeduri li wasslu għas-sentenza ta' l-4 ta' Frar 1964.

Dan ix-xhud għalhekk għandu informazzjoni utli u relevanti, u għandu jinstema'.

L-ewwel eċċezzjoni preliminari hija għalhekk miċħuda.

*Dwar l-ammissibbilità bħala xhud ta' Dennis Balzan*

It-tieni eċċezzjoni tgħid illi Dennis Balzan ma huwiex ammissibbli bħala xhud għax stqarr illi ma jiftakar xejn dwar il-proċeduri li wasslu għas-sentenzi msemmija fl-att ta' l-akkuża.

Tassew illi meta xehed quddiem il-Maġistrat fit-30 ta' Ġunju 2005[2] Dennis Balzan xehed illi ma jaf xejn. Madankollu, dan jolqot l-utilità tax-xhud mhux l-ammissibbilità tiegħu. Barra minn hekk, għalkemm forsi mhux probabbli, huwa wkoll possibbli illi dan ix-xhud jasal biex jiftakar, aktar u aktar meta tqis illi l-każ li dwaru ssejjaħ biex jixhed kien ta' tentativ ta' omiċidju u mhux ta' xi reat komuni "ta' kuljum".

L-agħar li jista' jiġri hu li x-xhud jibqa' ma jiftakarx u jittella' għalxejn, iżda din ma hijiex raġuni għala jitqies *a priori* inammissibbli.

It-tieni eċċezzjoni preliminari wkoll hija għalhekk miċħuda.

---

[1] *Foll*. 384 *et seqq*.

[2] *Foll*. 369 *et seqq*. u *fol*. 378.

*Dwar ir-rikors tal-25 ta' Frar 2008.*
Ngħaddu issa biex inqisu r-rikors tal-25 ta' Frar 2008. Tassew illi, kif igħid l-Avukat Ġenerali fit-tweġiba tiegħu, issa li għalaq iż-żmien mogħti fl-art. 438 tal-Kodiċi Kriminali, u ma hemmx iċ-ċirkostanzi msemmija fl-art. 406 ta' l-istess Kodiċi, ma jistgħux jitressqu provi ġodda. Għal din ir-raġuni, it-talbiet magħmula fil-para. (d) u (e) tar-rikors ma jistgħux jintlaqgħu.
Is-sentenzi msemmija fil-para. (a), (b) u (ċ), iżda, ngħataw meta kien ġà għalaq iż-żmien mogħti fl-art. 438 u għalhekk ma setgħux jissemmew fin-nota li kellha ssir skond l-art. 438(2)(ii) tal-Kodiċi Kriminali.
Il-qorti, iżda, hija tal-fehma illi s-sentenzi li jrid iressaq xhieda dwarhom l-akkużat ma humiex ammissibbli kemm għax il-provi f'dawn il-proċeduri għandhom isiru permezz tax-xhieda li jinstemgħu matul il-proċeduri stess, u mhux b'referenza għal dak li irriżulta waqt proċeduri oħra, u kif ukoll għax dawk is-sentenzi jistgħu jkollhom influwenza indebita fuq il-ġurati li jiddeċiedu dwar il-fatti fil-proċeduri tallum. Tassew illi l-akkużat stqarr illi x'aktarx illi jagħżel illi dawn il-proċeduri jinstemgħu bla ġurati, iżda din l-għażla għadha ma saritx u tista' wkoll ma ssirx. Barra minn hekk, ir-regoli dwar ammissibbilità ta' provi ma jiddependux fuq jekk id-deċiżjoni dwar il-fatti titteħidx minn imħallef togat jew minn ġurati.
Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tiċħad it-talbiet magħmula bir-rikors tal-25 ta' Frar 2008.
Tiddifferixxi il-kawża *sine die* sakemm ikun magħruf kif ikun inqata' xi appell eventwali u – jekk ma jsirx appell, jew wara li jinqata' l-appell – sabiex il-kawża tiġi appuntata għas-smigħ skond meta jmissha t-turn tagħha skond il-liġi .
Sadanittant l-akkużat jibqa' fl-istess stat li hu għal dak li jirrigwarda l-libertà provviżorja.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------